**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 3631/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Peter Xuereb**

**Illum, 12 ta' Dicembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant **Peter Xuereb** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **495765M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar 1-10 ta' Ġunju 2022 bejn 15:00hrs u 18:00hrs meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex jagħti aċċess lil Ingrid Xuereb għal uliedhom, irrifjuta, li jagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatu5FRra Kriminali ta' nhar it-23 ta' Settembru,2024, fejn wara li semgħet il-provi miġjuba sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal tlett (3) ijiem detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Peter Xuereb fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Ottubru, 2024 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti u tiddikjara l-azzjoni kriminali meħuda kontra l-appellant bħala preskritta.

2. Minghajr ebda pregudizzju ghas-su espost fil-waqt li tikkonferma dik il-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu tirriforma s-sentenza appellata u upprovdi ghal piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**A. Azzjoni Preskritta bit-Trapass taż-Żmien**

Jirriżulta mir-riferta li tqassmet lill-appellant illi l-istess appellat ġie notifikat b'dawn il-proċeduri u cioe' bl-akkuża nhar it-28 ta' Settembru tas-sena 2022.

Illi l-fatt imputat kontra l-appellant huwa dak ipotizzat fl-artikolu 338(11) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa wieħed mill- kontravvenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku.

Illi l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi l-azzjoni hija preskritta bit-trapass ta' tlett (3) xhur fil-każ tal- kontravvenzjonijiet u dan kif ġie ikkonfermat mil-Qorti tal-Appell kif diversament preseduta fl-ismijiet Pulizija v Deborah Gaffiero."

Illi mil-atti proċesswali u mir-riferta jemerġi illi l-appellant ġie notifikat biċ-ċittazzjoni wara t-tlett (3) xhur stabiliti bil-liġi.

Illi stante li l-appellant ma ġiex notifikat fi żmien tlett (3) xhur minn meta ġie kkunsmat ir-reat l-azzjoni fil-konfront tiegħu kellha tiġi ddikjarata bħala preskritta mil-Ewwel Onorabbli Qorti.

Mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost llum il-ġurnata l-appellant sab kompromess mal-*parte civile* u dan sabiex l-aċċess mertu ta' din il- kawża jiġi kkompensat b'data oħra maqbula bejn il-partijiet.

B. **Dwar il-Piena Kominata**

Jekk l-appellant se jispiċċa l-ħabs huma l-istess tfal li ha jbagħtu u dan stante li huma jgħixu mal-appellant u għaldaqstant huma ser jispiċċaw ibagħtu ntortament.

In oltre illum il-ġurnata r-relazzjoni ta' bejn l-*parte civile* u t-tfal, meta jiġi kkomparat ma dak li ġie irrapurtat mis-social worker fir-rapport tagħha[13] u kif ukoll fix-xhieda tagħha[11] iktar ma jgħaddi żmien iktar qiegħda titjieb Illi jekk l-appellant ser jispiċċa l-ħabs l-istess relazzjoni li t-tfal rnexxielu jibnu mal-parte civile u dan bis-saħħa wkoll tal-appellant se tisfaxxa fix-xejn.

L-appellant huwa konxju mill-fatt li l-obbligi li jara li l-aċċess isir fid- data in kwistjoni kienet taqa' fuqu pero' wieħed ma jistax ma jagħmilx referenza għal fatt li fil-perijodu tal-akkuża t-tfal kellhom l-eta ta' sbatax (17) u ħmistax (15) -il sena. Kif jirriżulta mil-provi prodotti kienu huma li rrifjutaw li jmorru għal aċċess u dan mhux biss minħabba il-problemi li kellhom l-istess tfal fir-relazzjoni ma ommhom, iżda irriżulta wkoll illi

dakinhar tal-aċċess kellhom l-eżamijiet u għaldaqstant huma kienu impenjati b'impenji relatati mal- iskola inkluż leżżjonijiet privati.

Illi għaldaqstant l-Onorabbli Qorti (v) In oltre l-appellant jagħmel accenn għal dak ritenut mill-Qorti tal- Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Tracey O'Toole Frendo Cumbo**' deċiża nhar it-23 ta' Marzu 2011, fejn ingħad illi:

"Huwa minnu li jekk din il-Qorti tikkonferma is-sentenza ta' l- ewwel Qorti tat-tfal sejrin ibatu pero bija l-omm li għandha tiehu ħsieb li uliedha ma ibatux intortament. Cio nonostante l-Qorti rat li fl-atti ma ġietx esebita l-fedina penali tal-appellanti a għalhekk din il-Qorti sejra titratta magħha diġa li kieku 'a first-time offender'. Jingħad ukoll li l-appellanti ma ġietx akkużata li hija reċediva u lanqas li r-reat kien wieħed kontinwat u għalhekk f'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti hija tal- fehma li l-piena imposta hija waħda eċċessiva għalkemm taqa' taħt il-parametri tal-liġi".

Fis-sentenza appena ċitata l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali rriformat u biddlet id-deċizżoni minn piena ta' xahar detenzjoni effettiva għal ammenda ta' €58.00.

Għalhekk, fid-dawl tal-premess kollu, l-appellant jemmen bis-sħiħ li piena karċerja ma hix waħda idoneja fiċ-ċirkostanzi, stante meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni r-rifjut tat-tfal li jmorru ma ommhom dakinhar tal-aċċess, r-relazzjoni li kellhom it-tfal ma ommhom matul is-snin u kif ukoll l-aħħar u mhux l-anqas kwalunkwe progress li sar dan l-aħħar fir-relazzjoni ta' bejn il-*parte civile* u t-tfal jekk ġaladarba l-piena ta' detenzjoni ser tiġi kkonfermata hemm riskju kbir li kwalunkwe progress li sar fir-relazzjoni ta' bejn it-tfal u l-parte civile jisfaxxa fix-xejn.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Ottubru, 2024 fejn fir-rigward tal-eċċezzjoni sollevata mill-appellant tal-preskrizzjoni jiddikjara li ma jaqbilx għaliex fil-fehma tiegħu l-appellant ġie notifikat fit-terminu ta' tlett xhur. Waqt li fir-rigward l-aggravju l-iehor u cioe dik mogħtija fis-sens li l-piena mogħtija hija waħda eċċessiva l-Avukat Ġenerali ukoll joġġezzjona għat-tibdil ta' tali piena stante li l-piena mogħtija hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi u għalhekk m'għandhiex tiġi mibdula.

Semgħet lill-partijiet jittrataw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2024.

**<u>Ikkunsidrat</u>**,

Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant isostni li l-kontravenzjoni li biha ġie akkużat l-appellant naxxenti mill-artikolu 338 (ll) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija preskritta ai terminu tal-artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe bl-għeluq tat-tlett xhur. Jirriżulta bla tlaqliq u kontestazzjoni li l-akkuża odjerna tirrigwarda inċident wieħed u iżolat li seħħ nhar l-10 ta' Ġunju 2022 fejn ġie allegat li l-appellant naqas li jagħti aċċess lil Ingrid Xuereb għal uliedhom u jirrifjuta li jgħamel hekk mingħajr raġuni valida fil-liġi u dan fil-jum tal-10 ta' Ġunju 2022.

Illi għalhekk l-appellanti kellu jiġi notifikat bl-akkuża sa mhux aktar tard mill-10 ta' Settembru 2020 u dan sabiex jkun notifikat entro it-terminu preskritt mill-liġi ta' tlett xhur. Illi l-ewwel seduta li nżammet għas-smiegħ ta' dan l-appell ġiet fissata għal nhar l-14 ta' Novembru 2022 (fol. 2 tal-atti) meta dakinhar l-appellant ma kienx preżenti għas-seduta u l-Qorti ordnat il-ħruġ ta' arrest fil-konfront tal-appellant stante li minn eżami tar-riferta esebita fl-atti a fol. 3 tal-atti, jirriżulta li l-appellant kien ġie notifikat fis-showroom tiegħu nhar it-28 ta' Settembru 2022 fil-11.40 a.m. Dakinhar il-kawża ġiet differita għal nhar it-12 ta' Ġunju 2023.

Skond l-**artikolu 293 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta** "*Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi nnotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat* "kif tajjeb irrimarka l-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu.

Illi għalhekk bejn il-jum tal-allegat rapport li sar fl-10 ta' Ġunju, 2022 sal jum meta ġie notifikat bl-akkuża u cioe 28 ta' Settembru 2022 l-akkuża kienet ġja preskritta.

Għalhekk din il-Qorti qeda tilqa' l-aggravju imressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu u tiddikjara l-akkuża kontravenzjonali bħala preskritta ai termini tal-artikolu 688 (f) tal-Kodiċi Penali u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imħallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**